

Brussell, 11 ta' Ottubru 2024  
(OR. en)

14173/24

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0237(COD)**

---

**CODEC 1889**  
**STATIS 103**  
**ECOFIN 1098**  
**PE 227**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                      |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-Proċedura ta' rettifika (Strażburgu, 13 ta' Marzu 2024 u 8 ta' Ottubru 2024) |

## **I. INTRODUZZJONI**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl leġislattiv fl-ewwel qari.

Dan il-fajl kien mistenni<sup>2</sup> jgħaddi mill-Proċedura ta' rettifika<sup>3</sup> fil-Parlament Ewropew wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari mill-Parlament Ewropew li temm il-mandat tiegħu.

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p.5.

<sup>2</sup> 10819/24 + COR 1.

<sup>3</sup> Ir-Regola 251, Regoli ta' Proċedura tal-PE.

## II. VOTI

Fis-seduta tiegħu tat-13 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-emenda tnejn (mingħajr revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) għall-proposta tal-Kummissjoni u riżoluzzjoni leġislattiva, li jikkostitwixxU l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru b'mod proviżorju bejn l-Istituzzjonijiet.

Wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti tat-test adottat, fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Parlament Ewropew approva rettifika għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari.

B'din ir-rettifika, il-Kunsill għandu jkun jista' japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness<sup>4</sup> ta' dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. \*

---

---

<sup>4</sup> It-test tar-rettifika jinsab fl-Anness. Huwa ppreżentat fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

\* L-iformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN

**P9\_TA(2024)0152**

**Emenda tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea (COM(2023)0402 – C9-0246/2023 – 2023/0237(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0402),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0246/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Settembru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ftehim provviżorju approvat mill-kumitati responsabbli skont l-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittra tal-21 ta' Frar 2024 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tal-Kunsill, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiki u Monetarji (A9-0386/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C, C/2023/1032, 20.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1032/oj>.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-13 ta' Marzu 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

***Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>1</sup>,***

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C, C/2023/1032, 20.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1032/oj>.

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jistabbilixxi qafas legali fil-livell tal-Unjoni għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2015/759 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> sabiex tissaħħaħ aktar il-governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), b'mod partikolari l-indipendenza professjonali tagħha. Dik il-governanza msaħħa wriet li hija effettiva.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/759 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 90).

- (3) *Fis-6 ta' Marzu 2023, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) ippubblika r-rapport annwali tiegħu għall-2022. Kif iddikjarat fih, l-iżgurar tal-indipendenza professjonali huwa fundamentali biex tiġi pprovduta statistika Ewropea oġġettiva u imparzjali u biex tinbena l-fiduċja tal-pubbliku fid-deċiżjonijiet u fil-politiki bbażati fuqha. Għalhekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isegwu l-aħjar prattiki internazzjonali rigward l-għażla, il-ħatra u t-tkeċċija tal-kapijiet tal-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u tad-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni (Eurostat) rispettivament, abbażi ta' kriterji professjonali ċari bħar-reputazzjoni statistika u livell għoli ta' kompetenza fil-qasam tal-istatistika. Ir-raġunijiet għal terminazzjoni bikrija tal-kuntratt ma għandhomx jikkompromettu l-indipendenza professjonali; jenħtieġ li jkunni ġustifikati sew, speċifikati u kkomunikati b'mod xieraq, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-persuna kkonċernata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tinforma lill-ESGAB dwar kwalunkwe tħassib serju li jkollha rigward l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, filwaqt li tqis ir-rwol importanti tal-ESGAB bħala korp tal-Unjoni inkarigat biex jipprovdi valutazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u pariri dwar it-tisħiħ tal-kunfidenza u tal-fiduċja tal-utenti fl-istatistika Ewropea.*

- (4) It-trasformazzjoni diġitali tat lok għal realtazijiet radikalment differenti u ħolqot ambjent ġdid bi ħtiġijiet ġodda għall-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, ***avvenimenti umanitarji u politiċi reċenti, bħall-pandemija tal-COVID-19, u l-kriżi tal-enerġija u tal-ġholi tal-ħajja*** kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, amplifikaw id-domandi u l-aspettattivi għal statistika Ewropea aktar f'waqtha, aktar frekwenti u aktar dettaljata meħtieġa biex ***tappoġġja*** t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u tiżgura l-aħjar rispons possibbli tal-Unjoni għall-kriżijiet.
- (5) ***Jistgħu jseħħu sitwazzjonijiet ta' kriżi fejn tkun meħtieġa statistika Ewropea f'waqtha u innovattiva sabiex ikun hemm rispons għal ħtiġijiet ta' politika urġenti. Pereżempju, innuqqas ta' data f'waqtha dwar il-profitti unitarji u l-profitti tan-negozji jfixxkel lil dawk li jfasslu l-politika fl-isforzi tagħhom biex jivvalutaw b'mod komprensiv il-kwistjoni taż-żidiet fil-prezzijiet fi żmien meta titwettaq riċerka dwar l-impatt ta' politiki korporattivi bħala kontributur possibbli għall-inflazzjoni. Għalhekk huwa kruċjali li jiġu stabbiliti proċeduri għall-istatistika Ewropea sabiex ikun hemm rispons għal ħtiġijiet ta' politika urġenti.***

- (6) Sabiex jiġu indirizzati d-domandi u l-aspettattivi dejjem akbar għal statistika Ewropea aktar f'waqtha, aktar frekwenti u aktar dettaljata, kif ukoll għal rispons tal-ESS aktar rapidu u kkoordinat għal domandi urġenti ta' statistika fi żminijiet ta' kriżi, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-għan ta' dan ir-Regolament emendatorju huwa li jiżgura li l-istatistika Ewropea tibqa' rilevanti billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti li qegħdin jinbidlu u dejjem aktar eżiġenti, b'mod partikolari billi jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-sorsi u t-teknoloġiji tad-data diġitali, u jiġi abilitat ***l-użu*** tagħhom għall-istatistika Ewropea, billi l-ESS issir aktar aġli u kapaċi tirrispondi b'mod effettiv u rapidu għall-kriżijiet, billi ***tippermetti*** l-kondiviżjoni tad-data u billi tissaħħaħ il-koordinazzjoni fost is-sħab tal-ESS.
- (7) Sabiex jiġu riflessi r-realtajiet kurrenti u l-ambjent diġitali li fiha topera l-ESS, jenħtieġ li jiġu introdotti definizzjonijiet ġodda jew aġġornati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 biex jiġu ċċarati l-kunċetti ta' "data", "metadata", "***detentur*** tad-data", "***sors tad-data***", "***aċċess għad-data***" u "użu għal finijiet ta' statistika".



- (8) *Avvenimenti* reċenti *bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna* wriet li *d-disponibbiltà ta'* statistika Ewropea f'waqtha, affidabbli u komparabbli hija vitali għall-effettività tar-rispons tal-awtoritajiet pubbliċi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ESS tibda malajr azzjonijiet koordinati jekk jirriżultaw ħtiġijiet urġenti ta' data u statistika barra mill-qafas ta' ppjanar regolari, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi *rikonoxxuti mill-atti legali tal-Unjoni, bħad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993<sup>5</sup>, id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369<sup>7</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2372<sup>8</sup> u Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri relatati ma' emerġenza tas-suq intern u mar-reżiljenza tas-suq intern (Att dwar l-Emerġenzi u r-Reżiljenza tas-Suq Intern)*. F'sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li detentur tad-data, fuq tali talba, jagħmel id-data disponibbli għall-NSI jew għall-Kummissjoni (Eurostat) meta dak l-NSI jew il-Kummissjoni (Eurostat) juru ħtieġa eċċezzjonali għall-użu tad-data mitluba, f'konformità mar-regoli stabbiliti *fir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament u tal-Kunsill<sup>9</sup>. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tkun tista' twettaq azzjonijiet tal-istatistika urġenti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (il-Kumitat tal-ESS). L-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea ("awtoritajiet nazzjonali oħra") jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw f'tali azzjonijiet fuq bażi volontarja.*

<sup>5</sup> *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28).*

<sup>6</sup> *Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).*

<sup>7</sup> *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni (ĠU L 70, 16.3.2016, p. 1).*

<sup>8</sup> *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2372 tal-24 ta' Ottubru 2022 dwar qafas ta' miżuri għall-iżgurar tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 64).*

<sup>9</sup> *Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L 2023/2854, 22.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj>).*

- (9) L-aċċess u l-użu ta' sorsi ġodda tad-data, **inkluża l-big data**, li **temerġi mis-servizzi** diġitali u l-Internet tal-Oġġetti (IoT), qed isiru vitali għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea f'waqtha, bi frekwenza xierqa u dettaljata biżżejjed b'mod aktar effiċjenti u li jiswa inqas flus. **Tali sorsi ġodda tad-data jikkostitwixxu wkoll kontribut importanti għall-bini ta' oqfsa ta' kampjunar statistiku għall-finijiet tal-ESS.** Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess għal sorsi ġodda tad-data b'mod ġenerali, u b'mod partikolari għal data miżmuma privatament għall-iżvilupp u għall-produzzjoni ta' statistika uffiċjali Ewropea fuq bażi sostenibbli u skont regoli ġusti, ċari, prevedibbli **u proporzjonati, skont il-qafas tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni.** **L-aċċess għal data miżmuma privatament jenħtieġ li jiġi żgurat f'konformità mal-prinċipju ta' effettività tan-nefqa u ma għandux joħloq piżijiet żejda fuq l-operaturi ekonomiċi kif stabbilit fl-Artikolu 338(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).**
- (10) **Data miżmuma privatament tirreferi għall-ammont vast ta' data miżmuma minn entitajiet privati miksuba bħala riżultat tal-attività tagħhom, li tkun tista' tintuża mill-awtoritajiet tal-istatistika biex jipproduċu statistika uffiċjali. Jaf tkun tinkludi data miżmuma minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fost l-oħrajn. Tali data tista' tkun kruċjali biex tikkomplementa l-istatistika uffiċjali u timmonitorja l-progress ekonomiku, soċjali, u ambjentali u b'mod partikolari l-progress relatat mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. L-użu ta' tali data jenħtieġ li għalhekk jiġi mħeġġeġ bil-qawwa.**

- (11) L-aċċess għal sorsi ġodda tad-data, b'mod partikolari għal data miżmuma privatament, ilu jintalab mill-ESS, kif muri mid-dokument ta' pożizzjoni tal-ESS dwar l-aċċess għad-data miżmuma privatament li tkun ta' interess pubbliku ta' Novembru 2017, u d-dokument ta' pożizzjoni tal-ESS dwar il-proposta għal Att futur dwar id-Data ta' Ġunju 2021.
- (12) L-użu ■ tad-data miżmuma privatament u ta' sorsi tad-data ġodda oħra jenħtieġ li jkunu soġġetti għal salvagwardji u garanziji legali, tekniċi u proċedurali stretti, inkluż l-applikazzjoni ta' livell għoli ta' sigurtà, kunfidenzjalità u rispett għall-privatezza, kif diġà minqux fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. ■ L-aċċess għal data miżmuma privatament jenħtieġ li tkun limitata biss għall-NSIs, li jaġixxu waħedhom jew fisem *awtoritajiet* nazzjonali *oħra* tal-ESS, u għall-Kummissjoni (Eurostat) biss. Id-data mitluba *jenħtieġ li* tkun meħtieġa *strettament* għall-iżvilupp, *il-produzzjoni u d-disseminazzjoni* tal-istatistika Ewropea *u ta' statistika li tkun qed tiġi żviluppata. Tali data miżmuma privatament jenħtieġ li tiġi psewdonimizzata f'konformità mal-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> u mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>.*

---

<sup>10</sup> *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

<sup>11</sup> *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

- (13) It-talbiet mill-NSIs jew mill-Kummissjoni (Eurostat) għal data *miżmuma privatament* jenħtieġ li jkunu trasparenti u proporzjonati mil-lat tal-iskop u tal-livell tad-dettall tagħhom. F'dak ir-rigward, huwa neċessarju li jiġi speċifikat u spjegat l-għan tat-talba, l-użu maħsub tad-data mitluba, il-frekwenza li biha d-data jenħtieġ li ssir disponibbli u sa liema skadenzi kif ukoll l-arranġamenti operazzjonali biex issir disponibbli. *Kwalunkwe pproċessar ta' data b'rabta ma' tali talbiet għad-data jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>, għar-Regolament (UE) 2016/679 u għar-Regolament (UE) 2018/1725, kif xieraq. Peress li l-istatistika uffiċjali hija ben pubbliku, l-aċċess għad-data jenħtieġ li jkun mingħajr ħlas. Meta data tintalab minn NSI, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kumpens lid-detentur privat ta' data li jkun limitat għas-servizz tal-ipproċessar skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba, ħlief meta l-liġi nazzjonali ma tippermettix lill-NSIs jew lil awtoritajiet nazzjonali oħra jikkumpensaw lid-detenturi tad-data. Meta data tintalab mill-Kummissjoni (Eurostat), jenħtieġ li din tipproponi kumpens raġonevoli lid-detentur privat ta' data li jkun limitat għas-servizz tal-ipproċessar speċifiku skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.*

---

<sup>12</sup> *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

- (14) ***Meta jinħarġu talbiet għal data miżmuma privatament***, l-NSI jew il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jistiednu lid-detentur privat ta' data għal djalogu biex jiġu speċifikati l-parametri konkreti tat-talbiet għad-data ***u arranġamenti speċifiċi oħra, inkluż kif*** id-data tkun tista' ssir disponibbli, kif ukoll kwalunkwe miżura organizzattiva u teknika għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-data u tas-sigrieti kummerċjali, bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim dwar dawk l-aspetti. Jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim fi żmien tliet xhur, ***jew jekk id-detentur privat ta' data ma jikkonformax mal-ftehim***, l-NSI jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li ***toħroġ it-tieni talba lid-detentur*** privat ta' data ***biex*** jagħmel id-data disponibbli. Jekk id-detentur privat ta' data jonqos intenzjonalment jew b'negliġenza milli jittrażmetti d-data ***sal-iskadenza*** jew jittrażmetti data mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa, ***l-Istat Membru*** jew il-Kummissjoni jenħtieġ li ***jadottaw miżuri ta' infurzar, inkluża l-possibbiltà li jimponu*** penali, li jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u d-dewmien tal-ksur, fid-dawl tal-interess pubbliku segwit. ***Ammonti massimi għall-penali*** adottati ***mill-Kummissjoni*** jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti. Il-Kummissjoni tista' toħroġ linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi***. Id-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament emendatorju huma soġġetti għal rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-TFUE. Jenħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jkollha ġuriżdizzjoni bla limitu fir-rigward tal-multi adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 261 tat-TFUE.

- (15) L-integrazzjoni ulterjuri tal-istatistika u tal-informazzjoni ġeospazjali jenħtieġ li tiġi mħeġġa sabiex tippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u integrazzjoni mtejbja tad-data minn organizzazzjonijiet pubbliċi differenti, jiġu prodotti outputs tal-istatistika ġodda, bħall-analiżi spazjali, u jittejbu l-viżwalizzazzjoni u d-disseminazzjoni tad-data. Tali integrazzjoni ulterjuri tappoġġja t-tehida ta' deċiżjonijiet u l-monitoraġġ tal-ġhanijiet tal-politika kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali.
- (16) *Il-Kummissjoni (Eurostat), l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra jenħtieġ li jagħmlu hilihom biex jipprovdu aċċess għall-bażijiet tad-data u l-metadata ta' appoġġ tagħhom u dokumentazzjoni oħra rilevanti għall-valutazzjoni tal-kwalità bl-użu ta' teknoloġiji aġġornati u faċli biex jintużaw.*
- (17) *L-istatistika Ewropea tiġi żviluppata, prodotta u disseminata wkoll mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ESCB), iżda fl-ambitu ta' qafas ġuridiku separat, li jirrifletti l-istruttura tal-governanza tal-ESCB. Kooperazzjoni mill-qrib u koordinazzjoni xierqa huma meħtieġa bejn l-ESS u l-ESCB, b'mod partikolari biex jiġrawwem l-iskambju ta' data bejn iż-żewġ sistemi esklużivament għal finijiet ta' statistika, skont l-Artikolu 338(1) tat-TFUE u l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98<sup>13</sup>.*

---

<sup>13</sup> *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).*

- (18) *L-iskambju ta' data kunfidenzjali jikkontribwixxi għal kwalità mtejba tal-istatistika Ewropea. L-ESS ilha taħdem b'mod attiv fuq l-iżvilupp ulterjuri ta' tali skambju ta' data, inkluż billi tipprevedi t-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali f'diversi leġiżlazzjonijiet settorjali. Dawk l-isforzi jenħtieġ li jiġu segwiti. L-iskambju reċiproku ta' data kunfidenzjali jenħtieġ li jkun permess kemm fl-ESS kif ukoll bejn l-ESS u l-ESCB, meta jkun meħtieġ għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni effiċjenti tal-istatistika Ewropea jew biex tiżdied il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Meta data kunfidenzjali tkun ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat), l-approvazzjoni tal-NSI jew ta' awtorità nazzjonali oħra li tkun ipprovdiet id-data jenħtieġ li tkun meħtieġa.*
- (19) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-korpi pubbliċi **u semipubbliċi** nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-data amministrattiva, **il-bażijiet tad-data amministrattivi, is-sistemi tal-interoperabbiltà amministrattivi jew data** amministrattiva rilevanti għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea jippermettu lill-NSIS **u lil awtoritajiet** nazzjonali **oħra** jaċċessaw, jużaw **u** jintegraw din id-data mingħajr ħlas fil-ħin u bi frekwenza suffiċjenti **għall-fini tal-iżvilupp**, tal-produzzjoni u **tad-disseminazzjoni** tal-istatistika **Ewropea. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun possibbli li jinbnew oqfsa ta' kampjunar statistiku bbażati fuq data amministrattiva rilevanti mill-NSIs u minn awtoritajiet nazzjonali oħra.**

- (20) *L-użu ta' statistika minn diversi sorsi jenħtieġ li tkun imħeġġa aktar, fejn l-istatistika tiġi żviluppata jew prodotta abbażi ta' varjetà ta' sorsi tad-data, inkluż permezz ta' tekniki tal-immudellar u metodi statistiċi jew approċċi innovattivi oħra.*
- (21) Meta l-attivitajiet li jridu jitwettqu skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali *għal finijiet ta' statistika uffiċjali f'konformità mal-mandat mogħti lill-awtoritajiet tal-istatistika biex jitolbu data personali skont id-deskrizzjoni metodoloġika speċifika għal kull prodott statistiku*, tali proċessar jenħtieġ li jikkonforma mal-liġi tal-Unjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data personali, jiġifieri r-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725. F'konformità *mal-prinċipji stabbiliti* f'dawk ir-Regolamenti, *tali pproċessar jenħtieġ li jkun soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġett tad-data. Dawk is-salvagwardji jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm stabbiliti miżuri tekniċi u organizzattivi, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data. Dawk il-miżuri jafu jkunu jinkludu l-pseudonimizzazzjoni.*



- (22) L-ipproċessar tad-data personali għall-finijiet ta' statistika uffiċjali mill-NSIs u minn awtoritajiet nazzjonali oħra, li jitqies li jkun fl-interess pubbliku, jenħtieġ li jkun kopert b'derogi u soġġett għal salvagwardji xierqa, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Pereżempju, jenħtieġ li l-ipproċessar ulterjuri tad-data personali għal finijiet ta' statistika ma jitqiesx bħala inkompatibbli mal-finijiet inizjali li għalihom tkun inġabret. ***Id-data personali pproċessata għall-finijiet ta' statistika fl-interess pubbliku hija data kunfidenzjali u għaldaqstant hija soġġetta għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità tal-istatistika, li jfisser li jenħtieġ li tintuża biss għal finijiet ta' statistika u jenħtieġ li qatt ma tintuża għal miżuri jew deċiżjonijiet ta' appoġġ fir-rigward ta' kwalunkwe persuna fiżika partikolari.*** F'dak il-kuntest, is-salvagwardji partikolari, li jenħtieġ li jiġu applikati għall-kondiviżjoni tad-data fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jirrikjedu li d-data personali tiġi pproċessata, inklużi ***l-miżuri tekniċi u organizzattivi bħal teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u r-rispett tal-prinċipji*** ta' limitazzjoni tal-iskop, ta' minimizzazzjoni tad-data, ta' limitazzjoni tal-ħżin u ta' integrità u ta' kunfidenzjalità kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 ***u fir-Regolament (UE) 2018/1725 u elaborati ulterjorment fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea.*** F'dak ir-rigward, it-teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza li jkunu ddisinjati speċifikament biex jimplimentaw dawk il-prinċipji jenħtieġ li jintużaw biex tiġi kondiviża d-data. ***Skont l-Artikolu 89(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li jingħataw derogi bil-liġi nazzjonali għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea mill-NSIs u minn awtoritajiet nazzjonali oħra, fl-ambitu tas-salvagwardji stabbiliti fiha.***

- (23) Sabiex inkunu fuq quddiem nett fl-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u ta' għarfien ġdid b'mod progressiv, u b'hekk jiġi żgurat li l-istatistika Ewropea tibqa' kontinwament rilevanti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li skonthom, bħala parti minn sforz kollettiv mill-ESS, l-istatistika tista' tiġi żviluppata, ***f'konformità mal-ħtiġijiet tal-utent***, f'oqsma speċifiċi ***fil-forma ta' statistika li tkun qed tiġi żviluppata jew statistika sperimentali*** bl-għan li tiġi integrata fil-produzzjoni regolari tal-istatistika Ewropea. Għalkemm mhux neċessarjament tkun tissodisfa l-kriterji kollha ta' kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, tali statistika jenħtieġ li tiġi trattata bħala statistika Ewropea. ***Il-pubblikazzjoni tal-istatistika li tkun qed tiġi żviluppata jew tal-istatistika sperimentali jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn informazzjoni trasparenti dwar il-kwalità tagħha.***
- (24) Filwaqt li jagħmlu hilitom biex jinnovaw u jiżviluppaw **■** outputs tal-istatistika ġodda, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jqisu bis-siġh il-ħtiġijiet tal-utenti kif espressi, b'mod partikolari mill-kunsilli nazzjonali tal-utenti tal-istatistika ***jew minn korpi xierqa oħra***. Fil-livell tal-Unjoni, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (ESAC), stabbilit bid-Deċizzjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> bħala l-korp ewlieni tal-Unjoni li jirrappreżenta lill-utenti, lil dawk li jipprovdu t-tweġibiet u lill-produtturi tal-istatistika Ewropea, irid jiġi infurmat mill-Kummissjoni dwar kif tkun qieset l-opinjoni tal-ESAC, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' statistika Ewropea ġdida.

---

<sup>14</sup> Id-Deċizzjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċizzjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13).

- (25) *Sabiex jibqgħu aġġornati max-xejriet l-aktar akkademiċi reċenti u jtejbu l-kwalità tad-data u tal-metodi statistiċi, l-awtoritajiet tal-istatistika jenħtieġ li jippromwovu, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, kooperazzjoni interdixxiplinarja b'saħħitha, strutturata u sostnuta ma' istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka, speċjalment fl-iżvilupp ta' statistika ġdida, fl-ittestjar ta' metodi u teknoloġiji ġodda u fil-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-esperimentazzjoni. **Għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-finijiet xjentifiċi jenħtieġ li jkopru attivitajiet ta' riċerka bħall-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi, ir-riċerka fundamentali jew ir-riċerka applikata.***
- (26) Minħabba l-fiduċja mogħtija lill-NSIs u l-għarfien espert tekniku għoli tagħhom fil-ġestjoni tad-data **u tal-metadata**, fil-kwalità tad-data u fil-protezzjoni tad-data, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, jassenjaw lill-NSIs **rwol importanti** fl-oqfsa nazzjonali tal-governanza tad-data inklużi dawk previsti **fir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>15</sup>, bl-oġettiv li jiġu promossi **l-kondiviżjoni tad-data**, l-integrazzjoni tad-data u l-interoperabbiltà, id-deskrizzjoni tal-metadata, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-iffissar tal-istandards. F'dak ir-rigward, NSIs **u l-awtoritajiet nazzjonali oħra jenħtieġ li jkunu involuti** fit-tfassil inizjali, fl-iżvilupp sussegwenti u fid-diskontinwità **tas-sorsi tad-data amministrattiva**, databases amministrattivi jew sistemi ta' interoperabbiltà amministrattivi. Jenħtieġ li tali involviment jissaħħa, fejn xieraq, bil-ħsieb li jiġu żgurati, fost affarijiet oħra, il-konsistenza u l-kwalità tad-data, u bil-ħsieb li jiġi minimizzat il-piż tar-rappurtar.

---

<sup>15</sup> ***Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).***

- (27) Data *disponibbli legalment għall-pubbliku li tibqa'* disponibbli għall-pubbliku *skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni* jenħtieġ li ma titqiesx kunfidenzjali meta tintuża għal finijiet ta' statistika *jew għad-disseminazzjoni ta' statistika miksuba minn tali data*.
- (28) Fl-interess ta' żieda fit-tempestività fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li titħalla tidissemina l-istatistika Ewropea tal-Istati Membri hekk kif tiġi ppubblikata fil-livell nazzjonali, anke jekk dawn ikunu ġew ippubblikati qabel l-iskadenzi biex tiġi pprovduta l-istatistika li huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

- (29) *Nuqqas ta' koordinazzjoni jista' jwassal għal ineffiċjenzi u inkonsistenzi u jqajjem kwistjonijiet rigward il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jridu jikkonsultaw sistematikament lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-metodoloġiji tal-istatistika u l-kwalità tad-data meta jiżviluppaw statistika ġdida fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Il-koordinazzjoni jenħtieġ li testendi wkoll għal statistika oħra li hija essenzjali biex tipprovi informazzjoni lil dawk li jfasslu l-politika u liċ-ċittadini, b'mod partikolari peress li l-kwalità ta' tali statistika tista' taffettwa r-reputazzjoni tal-istatistika Ewropea.*
- (30) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-emenda tal-qafas legali għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġettivi.

- (31) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-ispeċifikazzjoni*** tal-azzjonijiet tal-istatistika ***urġenti u tal-istabbiliment tal-proċedura għat-twettiq tagħhom***, inkluż il-perjodu ta' żmien rilevanti, il-frekwenza u r-rekwiżiti tal-kwalità ***li jridu jiġu applikati minn dawk l-Istati Membri b'mod volontarju fl-azzjoni tal-istatistika urġenti, u għall-estensjoni ta' dawk l-azzjonijiet urġenti, kif ukoll fir-rigward tal-istabbiliment*** tal-aspetti tekniċi tal-kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet tal-istatistika ***fl-ambitu ta' dak ir-Regolament***. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>.
- (32) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fis-6 ta' Settembru 2023***.
- (33) Il-Kumitat tal-ESS ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## Artikolu 1

### Emendi għar-Regolament (KE) Nru 223/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti ■ li ġejjin:

"4a. "data" tfisser kwalunkwe rappreżentazzjoni diġitali jew mhux diġitali ta' atti, fatti ***jew informazzjoni u kwalunkwe kompilazzjoni ta' tali atti, fatti jew informazzjoni dwar l-unitajiet osservati***;

4b. "metadata" tfisser kwalunkwe ***informazzjoni*** li tiddefinixxi u tiddeskrivi data u proċessi ■ ;

4c. "detentur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika ***jew kwalunkwe entità oħra*** li jkollha d-dritt, f'konformità ***mal-liġi*** tal-Unjoni jew nazzjonali ***applikabbli, u l-kapaċità li tiġġestixxi u tagħmel disponibbli ■ data miksuba fl-ambitu tal-attività tagħha***;"

(b) jiddaħħlu l-punti ■ li ġejjin:

"5a. "sors tad-data" tfisser sors li jipprovdi data li tkun rilevanti ***u meħtieġa***, fiha nnifisha jew flimkien ma' data minn sorsi oħra, għall-iżvilupp u għall-produzzjoni tal-istatistika, inklużi sħarriġ, ċensimenti, ***data amministrattiva*** jew data li d-detenturi tad-data jkunu għamlu disponibbli fuq talba;

5b. "aċċess għad-data" tfisser l-ipproċessar minn istitut nazzjonali tal-istatistika *jew awtoritajiet nazzjonali oħra* jew mill-Kummissjoni (Eurostat) tad-data li *detentur tad-data jkun ipprova jew għamel disponibbli* f'konformità ma' rekwiżiti tekniċi, legali jew organizzattivi speċifiċi ;";

(c) il-punt 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. "użu għal finijiet ta' statistika" tfisser l-użu esklużiv għall-iżvilupp, *għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni* ta' riżultati u analiżijiet tal-istatistika *minn awtoritajiet tal-istatistika*, inkluż għall-attivitajiet ta' riċerka u xjentifiċi, jew l-istabbiliment ta' oqfsa tal-kampjunar; "

■

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 16a

Rispons statistiku *għal ħtiġijiet ta' politika urġenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi*

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha teżamina *is-sitwazzjonijiet ta' kriżi u tista' twettaq* azzjonijiet tal-istatistika *urġenti* kif xieraq, soġġetti għall-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa *strettament* meħtieġ li jkun hemm rispons għal ħtiġijiet *ta' politika* urġenti ■ li jirriżultaw *mis-sitwazzjoni ta' kriżi kkonċernata wara l-attivazzjoni ta' mekkaniżmi* ta' emerġenza *stabbiliti* f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni, *bħad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993\** *jew atti legali ta' emerġenza oħra tal-Unjoni*;



■

- (b) dawk il-ħtiġijiet **ta' politika** urġenti ■ ma jistgħux jiġu ssodisfati fl-ambitu tal-Programm Ewropew tal-Istatistika.

2. L-azzjonijiet tal-istatistika **urġenti** msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni (Eurostat) fil-livell tal-Unjoni **b'kooperazzjoni mill-qrib mal-NSIs u ma' awtoritajiet nazzjonali oħra**, u jistgħu jinkludu:

- (a) il-produzzjoni ta' statistika Ewropea abbażi ta' **sorsi ġodda tad-data jew ġbir tad-data, filwaqt li jitqies il-piż fuq dawk li jipprovdu t-tweġibiet u l-effettività tan-nefqa għall-Istati Membri**;
- (b) l-ġhoti ta' indikaturi u informazzjoni intuwissiva tal-istatistika ġodda abbażi ta' data eżistenti;
- (c) l-iżvilupp ta' ■ linji gwida metodoloġiċi ■ biex jiġi żgurat li l-istatistika tkun komparabbli u konsistenti fl-Istati Membri kollha **affettwati mis-sitwazzjoni ta' kriżi**;
- (d) azzjoni kkoordinata oħra fil-livell tal-Unjoni li jkollha l-għan li tipprovdi rispons statistiku f'waqt u rilevanti għas-sitwazzjoni speċifika.

3. Meta tivvaluta l-ħtieġa għal azzjonijiet tal-istatistika **urġenti** msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha fil-pront tinforma u tikkonsulta lill-Kumitat tal-ESS u tqis ***b'mod debit u l-gwida*** professjonali tiegħu. ***Azzjonijiet tal-istatistika urġenti li jridu jittieħdu huma soġġetti għal eżami minn qabel mill-Kumitat tal-ESS. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi lill-Kumitat tal-ESS b'informazzjoni dettaljata dwar l-azzjonijiet li jridu jittieħdu, il-ġustifikazzjoni għalihom fuq il-bażi tal-effettività tan-nefqa, il-mezzi u ż-żmien sabiex jinkisbu, il-valutazzjoni tal-piż tar-rispons fuq dawk li jwieġbu għall-istħarriġ u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni biex tkopri l-ispejjeż inkrementali mġarrba mill-NSIs u minn awtoritajiet nazzjonali oħra.***
4. ***L-Istati Membri*** jistgħu jiddeċiedu, separatament u fuq bażi volontarja, li jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-istatistika **urġenti** msemmija fil-paragrafu 1. ***Dawk l-azzjonijiet tal-istatistika urġenti għandhom ikunu rilevanti u għandhom ikopru l-ħtiġijiet ta' politika urġenti li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ta' kriżi fl-Unjoni.*** Meta jipparteċipaw f'azzjonijiet tal-istatistika **urġenti**, ***L-Istati Membri*** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti komuni ***maqgħula*** tal-perjodu taż-żmien, tal-frekwenza u tal-kwalità għad-data nazzjonali li trid tiġi pprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat).

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, *tispeċifika* l-azzjonijiet tal-istatistika *urġenti* msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tistabbilixxi l-proċedura għat-twettiq tagħhom, inklużi r-rekwiżiti rilevanti tal-perjodu taż-żmien, tal-frekwenza u tal-kwalità li jridu jiġu applikati *mill-Istati Membri* li jipparteċipaw *b'mod volontarju* fl-azzjoni tal-istatistika *urġenti*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 27(2).

*Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, għandha ssir disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja mill-Programm tas-Suq Uniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\* u f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\* għall-NSIs u għal awtoritajiet nazzjonali oħra msemija fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament biex tkopri l-ispejjeż inkrementali mgħarrba mill-implimentazzjoni ta' tali azzjonijiet tal-istatistika urġenti. Barra minn hekk, dawk l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra jistgħu japplikaw għal appoġġ minn programmi finanzjarji applikabbli oħra tal-Unjoni f'konformità mar-regoli ta' tali programmi. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll għall-appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*\*. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja fl-ambitu ta' dan is-subparagrafu għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-regoli tal-programm ta' finanzjament rilevanti, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament, b'mod partikolari f'konformità mar-regoli tal-Programm Ewropew tal-Istatistika.*

6. L-atti ta' implimentazzjoni adottati fl-ambitu tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu *mhux itwal mid-dewmien tas-sitwazzjoni ta' kriżi kkonċernata, u fi kwalunkwe każ mhux itwal minn 12-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati, dak il-perjodu jista' jiġi estiż permezz ta' att ta' implimentazzjoni għal perjodu addizzjonali ta' 12-il xahar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).*

- 
- \* *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28).*
- \*\* *Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).*
- \*\*\* *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1)*
- \*\*\*\* *Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).";*

(3) ***l-Artikolu 17a*** ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

***"Artikolu 17a***

Aċċess għal u użu ■ u integrazzjoni ta' ***data amministrattiva*** għall-iżvilupp, ***għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni*** tal-istatistika Ewropea

■

1. Il-korpi pubbliċi ***u semipubbliċi*** nazzjonali ***fl-ambitu tal-liġi nazzjonali*** responsabbli mis-sorsi tad-data amministrattiva, ***mill-bażijiet tad-data amministrattivi, mis-sistemi tal-interoperabbiltà amministrattivi jew minn data*** amministrattiva rilevanti ***u meħtieġa*** għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea għandhom jippermettu lill-NSIs u lil awtoritajiet nazzjonali oħra jaċċessaw, jużaw ■ u jintegraw, mingħajr ħlas, dik id-data u l-metadata rilevanti, f'waqtha u bi frekwenza suffiċjenti ***u l-granularità għall-fini tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea.***

2. *L-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jiġu kkonsultati rigward it-tfassil inizjali, l-iżvilupp sussegwenti u d-diskontinwazzjoni tas-sorsi tad-data amministrattiva, ta' bażijiet tad-data amministrattivi jew ta' sistemi tal-interoperabbiltà amministrattivi maħluqa u miżmuma minn korpi oħra, u li jkunu involuti fihom, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-użu ulterjuri ta' daww is-sorsi tad-data, il-bażijiet tad-data jew is-sistemi tal-interoperabbiltà għall-fini tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea. Dawn għandhom jiġu involuti wkoll fl-attivitàjiet ta' standardizzazzjoni rigward is-sorsi tad-data amministrattiva, il-bażijiet tad-data amministrattivi jew is-sistemi tal-interoperabbiltà amministrattivi li jkunu rilevanti għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.*
- 2a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun permessa, fuq talba, taċċessa, tuża **■** u tintegra b'mod f'waqtu d-data u l-metadata rilevanti minn bażijiet tad-data u sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għall-atti tal-Unjoni li jistabbilixxu daww il-bażijiet tad-data u s-sistemi tal-interoperabbiltà, ***inkluż ir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS) stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***<sup>\*</sup>. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkoopera mal-korpi u mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-data u l-metadata mfassla apposta meħtieġa, l-arranġamenti operazzjonali għall-użu **■** tad-data u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa. ***Meta d-data u l-metadata meħtieġa għall-istatistika Ewropea jkunu disponibbli biss fil-bażijiet tad-data u fis-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) tista', fuq talba, tikkondividi dik id-data mal-NSIs rilevanti jew ma' awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-atti tal-Unjoni li jistabbilixxu daww il-bażijiet tad-data u s-sistemi tal-interoperabbiltà.***

3. *L-aċċess mill-NSIs, minn awtoritajiet nazzjonali oħra u mill-Kummissjoni (Eurostat), u l-involvement tagħhom, skont il-paragrafi 1, 2 u 2a għandhom ikunu limitati għas-sorsi tad-data amministrattiva, għall-bażijiet tad-data amministrattivi jew għas-sistemi tal-interoperabbiltà amministrattiva fis-sistema amministrattiva pubblika rispettiva tagħhom stess.*
4. *Sorsi tad-data amministrattiva, bażijiet tad-data amministrattivi jew sistemi tal-interoperabbiltà amministrattivi li s-sidien tagħhom ikunu għamluhom disponibbli għall-NSIs, għal awtoritajiet nazzjonali oħra u għall-Kummissjoni (Eurostat) sabiex jintużaw għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea għandhom ikunu akkumpanjati minn metadata rilevanti.*
5. *L-NSIs, awtoritajiet nazzjonali u korpi oħra msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa f'konformità mal-ispeċifikażjonijiet nazzjonali. Dawk il-mekkaniżmi għandhom jipprovdu wkoll il-possibbiltà li l-NSIs iwettqu kontrolli tal-kwalità tad-data u jibnu oqfsa ta' statistika bbażati fuq id-data amministrattiva rilevanti li tkun ġiet aċċessata.*

---

\* *Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).";*

(4) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 17b

Obbligu tad-detenturi privati ta' data li jagħmlu d-data disponibbli għall-iżvilupp, ***għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni*** tal-istatistika Ewropea

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rappurtar, ***għbir tad-data jew kwalunkwe aċċess għad-data*** stabbiliti fil-leġiżlazzjoni statistika settorjali tal-Unjoni jew għall-obbligu tad-detenturi tad-data li jagħmlu disponibbli d-data abbażi ta' hteġa eċċezzjonali f'konformità ***mar-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\****, NSI jew il-Kummissjoni (Eurostat) jistgħu jitolbu lil detentur privat ta' data jagħmel disponibbli d-data u l-metadata rilevanti ***mingħajr ħlas meta d-data mitluba tkun strettament meħtieġa*** għall-iżvilupp, ***għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni*** tal-istatistika Ewropea ***u ma tistax tinkiseb b'mezzi oħra*** jew l-użu mill-ġdid tagħha se jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fil-piż tar-rispons fuq id-detenturi tad-data u fuq negozji oħra. ***Tali għbir tad-data jew aċċess għad-data jistgħu jiġu inklużi mill-Kummissjoni fil-programm ta' ħidma annwali.***
2. Bħala koordinatur tas-sistema nazzjonali tal-istatistika, NSI jista' jissottometti talba għal data lil detentur privat ta' data f'isem kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra, meta d-data mitluba tkun meħtieġa għall-istatistika Ewropea żviluppata, ***prodotta u disseminata*** minn dik ***l-awtorità nazzjonali l-oħra. L-NSI u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra ta' Stat Membru għandhom jikkooperaw sabiex jiġi evitat piż eċċessiv fuq id-detenturi privati ta' data*** .



3. L-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin sabiex ***jiġi evitat piż eċċessiv*** fuq id-detenturi privati ta' data u biex jiġi ddeterminat min għandu jissottometti talbiet għad-data. B'mod partikolari, it-talba għad-data għandha tiġi sottomessa lil detentur privat ta' data ***mill-NSI sakemm il-Kummissjoni (Eurostat) u l-NSIs ikkonċernati ma jaqblux li t-talba mill-Kummissjoni (Eurostat) tkun*** aktar effiċjenti, pereżempju fil-każ tad-detenturi privati ta' data li joperaw fuq l-iskala tal-Unjoni kollha.
4. Il-Kummissjoni (Eurostat) tista', bi qbil mal-NSIs, tistabbilixxi infrastruttura sigura, ***biex tintuża fuq bażi volontarja***, biex tiffaċilita l-kondiviżjoni ulterjuri mal-NSIs ***u mal-awtoritajiet nazzjonali l-oħra*** tad-data li tkun ġiet aċċessata f'konformità mal-paragrafu 3.

***L-infrastruttura sigura msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun ibbażata fuq teknoloġiji li huma mfassla speċifikament biex jikkonformaw mar-Regolamenti (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\* u (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*.***

5. *Meta d-data mitluba minn NSI fl-ambitu tal-paragrafu 1 tkun tirrikjedi servizz ta' pproċessar speċifiku, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kumpens lid-detentur privat ta' data għal dak is-servizz tal-ipproċessar speċifiku, ħlief meta l-liġi nazzjonali tipprevjeni lill-NSI jew lil awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-produzzjoni tal-istatistika milli jikkumpensaw lid-detenturi tad-data. Meta d-data tintalab mill-Kummissjoni (Eurostat) għal raġunijiet ta' effiċjenza skont il-paragrafu 3, u jkun meħtieġ servizz tal-ipproċessar speċifiku, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproponi kumpens raġonevoli lid-detentur privat ta' data għal dak is-servizz tal-ipproċessar speċifiku.*
6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE\*\*\*\*, *ħlief f'każijiet debitament ġustifikati fejn id-data miżmuma minn tali mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar tkun ta' interess speċifiku għall-istatistika uffiċjali minħabba n-natura u l-volum ta' dik id-data fil-livell nazzjonali.*

#### Artikolu 17c

Talbiet għal data u arranġamenti biex id-data ssir disponibbli għall-iżvilupp, ***għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni*** tal-istatistika Ewropea

1. Meta jitolbu data f'konformità mal-Artikolu 17b, l-NSIs jew il-Kummissjoni (Eurostat) għandhom:
  - (a) jispeċifikaw liema data ***u metadata*** hija meħtieġa;
  - (b) ***jispeċifikaw il-ħtieġa*** statistika li għaliha tintalab id-data f'konformità mal-Artikolu 17b(1);
  - (c) jispeċifikaw il-frekwenza li biha d-data għandha ssir disponibbli u l-iskadenzi għal dan;
  - (d) jispeċifikaw l-arranġamenti operazzjonali biex id-data ssir disponibbli.

■

2. It-talbiet għad-data kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom *isegwu l-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data u jkunu proporzjonati għall-ħtieġa tal-istatistika f'termini tal-livell ta' dettall u tal-volum tad-data u l-frekwenza li biha d-data trid issir disponibbli. Tali talbiet għandhom jikkonċernaw fil-prinċipju data mhux personali u, f'ċirkostanzi speċifiċi biss, data personali minn kategoriji ta' data personali speċifikati fil-leġiżlazzjoni settorjali.*
3. Wara talba għad-data kif imsemmija fil-paragrafu 1, għandu jsir dialogu bejn l-NSI, *l-awtorità nazzjonali l-oħra* jew il-Kummissjoni (Eurostat) u d-detentur privat ta' data kkonċernat biex jiġu diskussi *u jintlaħaq qbil dwar il-miżuri meħtieġa biex id-data ssir disponibbli għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea*, bl-għan li jiġi konkluż ftehim dwar dawk l-aspetti .
4. Jekk ma jiġi konkluż ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 3 fi żmien tliet xhur wara n-notifika tat-talba għad-data msemmija fil-paragrafu 1 *jew jekk il-ftehim ma jkunx ġie ssodisfat mid-detentur privat ta' data:*

- (a) *meta l-NSI jkun talab id-data, huwa jista' joħroġ it-tieni talba lid-detentur privat ta' data biex jagħmel id-data disponibbli fi żmien skadenza speċifika u d-detentur privat ta' data għandu mbagħad jagħmel id-data rilevanti disponibbli sa dik l-iskadenza;*
- (b) *meta l-Kummissjoni (Eurostat) tkun talbet id-data, tista' tadotta deċiżjoni biex tirrikjedi li d-detentur privat ta' data jagħmel id-data disponibbli f'perjodu mhux iqsar minn 15-il jum kalendarju u d-detentur privat ta' data għandu mbagħad jagħmel id-data rilevanti disponibbli għall-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien l-iskadenza speċifikata.*

*Il-paragrafu 1 għandu japplika għal deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Tali deċiżjoni għandha tqis il-kwistjonijiet li dwarhom setgħu kkonverġew il-fehmiet matul id-djalogu mad-detentur privat ta' data. Għandha tindika wkoll l-iskadenza għad-detentur privat ta' data **biex jissottometti t-tweġiba tiegħu**, l-iskadenza għad-detentur privat ta' data biex jagħmel id-data disponibbli, **il-multi previsti fl-ambitu tal-paragrafu 6 li jistgħu jiġu applikati jekk id-data ma tiġix ipprovduta fil-ħin**, u l-mezzi ta' rimedju kontra d-deċiżjoni.*

5. *L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw l-infurzar effettiv tat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (a).*
6. *Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet adottati f'konformità mal-paragrafu 4, il-punt (b). Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-adozzjoni ta' multi meta d-detentur privat ta' data jonqos intenzjonalment jew b'negliġenza milli jipprovdi d-data mitluba b'deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punt (b), fi żmien l-iskadenza jew jipprovdi data mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa. Fl-iffissar tal-ammont tal-multi, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità, id-dewmien u r-rikorrenza tal-ksur.*
7. *Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjonijiet li jimponu multi fi żmien sena wara l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-data stabbilita fid-deċiżjoni tagħha fl-ambitu tal-paragrafu 4, il-punt (b), meta d-detentur privat ta' data jonqos milli jissottometti kwalunkwe data jew fi żmien sena mis-sottomissjoni ta' data mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa. Il-multi jistgħu jkunu sa EUR 25 000 u, f'każ ta' rikorrenza fi żmien tliet snin, sa EUR 50 000. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tinforza deċiżjonijiet li jimponu multa għandha tkun soġġetta għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin mid-data li fiha d-deċiżjoni ssir finali. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tagħti lid-detentur privat ta' data l-opportunità li jinstema' rigward is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni u l-miżuri li l-Kummissjoni tista' tieħu abbażi ta' dawk is-sejbiet preliminari.*

#### Artikolu 17d

Rieżami tad-deċiżjonijiet li jimponu multi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

F'konformità mal-Artikolu 261 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni bla limitu biex tirrieżamina d-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni tkun imponiet il-multi. Hija tista' tikkanċella, tnaqqas jew iżżid il-multa imposta.

#### Artikolu 17e

Obbligi tal-NSIs, *ta' awtoritajiet nazzjonali oħra* u tal-Kummissjoni (Eurostat) fl-użu **■** tad-data *li d-detenturi privat ta' data jkunu għamlu disponibbli* għall-iżvilupp, *għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni* tal-istatistika Ewropea

1. L-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw id-data li tkun saret disponibbli f'konformità mal-Artikolu 17b għall-iżvilupp, *għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni* tal-istatistika Ewropea: **■**
  - (a) esklużivament għal finijiet ta' statistika;
  - (b) f'konformità mal-prinċipji *tal-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 2(1)*; u
  - (c) *f'konformità mal-obbligu* li d-data ma tiġix kondiviża *barra mill-ESS* sakemm id-detentur privat ta' data ma jkunx qabel *li jikkondividi dik id-data*.

2. *L-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jistabbilixxu salvagwardji xierqa relatati mal-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' statistika f'konformità mal-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju li d-data trid tiġi psewdonimizzata.*
3. L-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom:
- (a) jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-istatistika u s-sigrietà kummerċjali ;
  - (b) jimplimentaw, sa fejn ikun meħtieġ l-ipproċessar tad-data personali, miżuri tekniċi u organizzattivi li jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data.
4. Il-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal ***kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra*** li tkun irċeviet data wara talba sottomessa f'isimha minn NSI f'konformità mal-Artikolu 17b(2).

■



1. Id-data *mhux kunfidenzjali* għandha tiġi kondiviża, *jekk tkun meħtieġa u jekk tkun disponibbli f'forma aggregata, fuq talba* bejn l-NSIs, *fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew f'isem kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra*, u bejn l-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) esklużivament għal finijiet ta' statistika u għat-titjib tal-kwalità tal-istatistika Ewropea.
2. *Il-kondiviżjoni tad-data mhux kunfidenzjali, inkluża data li d-detenturi privat ta' data jagħmlu disponibbli, għandha sseħħ bejn l-ESS u membru tal-ESCB fuq talba, jekk tkun meħtieġa u jekk tkun disponibbli f'forma aggregata, f'oqsma ta' responsabbiltà kondiviża jew ta' interess komuni u meta d-data tintuża esklużivament għal finijiet ta' statistika u għat-titjib tal-kwalità tal-istatistika Ewropea żviluppata u prodotta minn dak il-membri tal-ESCB.*
3. ■ Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, *u* l-NSIs, u meta jkun rilevanti *l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra, jew membri tal-ESCB*, jistgħu jużaw dik l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data *fuq bażi volontarja*.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-aspetti tekniċi tal-kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet tal-istatistika msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).

---

\* *Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L 2023/2854, 22.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj>).*

\*\* *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

\*\*\* *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

\*\*\*\* *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).*  
";

(5) jiddaħħal il-kapitolu li ġej:

"KAPITOLU IIIa

ŻVILUPP TAL-ISTATISTIKA EWROPEA

Artikolu 17g

Statistika li tkun qed tiġi żviluppata

**L.** L-NSIs, l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jagħmlu hilitom biex jinnovaw u jiżviluppaw kontinwament outputs u informazzjoni intuittiva tal-istatistika ġodda abbażi tas-sorsi tad-data kollha disponibbli u biex jużaw teknoloġiji tal-oġġla livell, bl-għan li jintegrawhom fil-produzzjoni regolari tal-istatistika Ewropea. *Għal dak il-fini, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tibda, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Komitat tal-ESS, l-iżvilupp ta' outputs u informazzjoni intuittiva tal-istatistika ġodda fl-ESS kollha. Dawk l-outputs u l-informazzjoni intuittiva tal-istatistika jistgħu jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma annwali u implimentati permezz tal-azzjonijiet individwali tal-istatistika msemmija fl-Artikolu 14(1).*

2. **■** L-istatistika li tkun qed tiġi żviluppata ma għandhiex tkun meħtieġa tissodisfa l-kriterji kollha tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1).
3. Il-Kummissjoni (Eurostat) **tista'** tiddissemina l-istatistika Ewropea li tkun qed tiġi żviluppata bil-qbil tal-NSIs **jew ta' awtoritajiet nazzjonali oħra** u għandha tindika b'mod espliċitu li dik l-istatistika hija statistika li tkun qed tiġi żviluppata. ***L-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra jistgħu wkoll jiddisseminaw l-istatistika Ewropea li tkun qed tiġi żviluppata prodotta minnhom.***

**■** ";

(6) fl-Artikolu 18, jiżdied il-paragrafu li ġej:

- "4. Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' **tiddissemina** l-istatistika Ewropea **diġà** ppubblikata fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri qabel l-iskadenzi stabbiliti fil-leġislazzjoni settorjali rilevanti**■**, dment li tali statistika tkun tikkonforma mad-definizzjonijiet u mal-klassifikazzjoni rilevanti. **■** ";

(7) *fl-Artikolu 21, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:*

- "1. It-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali minn awtorità tal-ESS, kif imsemmi fl-Artikolu 4, li tkun ġabret id-data għal awtorità oħra tal-ESS għandha tkun permessa, dment li din it-trażmissjoni tkun meħtieġa għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni effiċjenti tal-istatistika Ewropea jew sabiex tiżdied il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Jekk id-data tkun ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat), l-approvazzjoni tal-NSIs jew ta' awtorità nazzjonali oħra li tkun ipprovdiet id-data hija meħtieġa.*
- 2. It-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali bejn awtorità tal-ESS li tkun ġabret id-data u membru tal-ESCB għandha tkun permessa, dment li t-trażmissjoni tkun meħtieġa għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni effiċjenti tal-istatistika Ewropea jew sabiex tiżdied il-kwalità tal-istatistika Ewropea, fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tal-ESS u tal-ESCB, u sakemm dik il-ħtieġa tkun ġiet iġġustifikata. Jekk id-data tkun ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat), l-approvazzjoni tal-NSI jew ta' awtorità nazzjonali oħra li tkun ipprovdiet id-data hija meħtieġa."*

(8) *l-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Artikolu 23*

*Aċċess għal data kunfidenzjali għal finijiet ta' riċerka*

*L-aċċess għal data kunfidenzjali, inkluża data li d-detenturi privati ta' data jkunu għamlu disponibbli, li jippermettu biss l-identifikazzjoni indiretta tal-unitajiet tal-istatistika, jista' jingħata lil riċerkaturi li jkunu qed iwettqu l-analiżijiet tal-istatistika għal finijiet xjentifiċi mill-Kummissjoni (Eurostat) jew mill-NSIs jew awtoritajiet nazzjonali oħra, fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom. Jekk id-data tkun ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat), l-approvazzjoni tal-NSIs jew ta' awtorità nazzjonali oħra li tkun ipprovdiet id-data hija meħtieġa.*

*Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti, ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-aċċess fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).*

*Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-finijiet ta' riċerka għandhom ikopru attivitajiet tar-riċerka bħall-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi, ir-riċerka fundamentali u r-riċerka applikata."*

(9) l-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 25

Data disponibbli għall-pubbliku

Data li *tkun* legalment disponibbli għall-pubbliku *li tibqa' disponibbli għall-pubbliku skont il-liġi nazzjonali jew dik tal-Unjoni* ma għandhiex titqies kunfidenzjali meta tintuża għal finijiet ta' statistika *jew għad-disseminazzjoni tal-istatistika miksuba minn tali data. Tali data għandha tinkludi b'mod partikolari data dwar attributi ewlenin ta' kumpaniji individwali kif elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138\**.

---

\* *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43)."*

(10) jiddaħħal l-artikolu li ġej fil-Kapitolu VI:

"Artikolu 26a

Kontribuzzjoni għal oqfsa nazzjonali ■ tal-governanza tad-data

1. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, fil-livell nazzjonali, l-NSIs jistgħu jassumu funzjonijiet kif stabbiliti fl-oqfsa nazzjonali tal-governanza tad-data bl-għan li jippromwovu l-integrazzjoni u l-interoperabbiltà tad-data, id-deskrizzjoni tal-metadata, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-iffissar tal-istandards, ***il-kondiviżjoni tad-data u l-użu mill-ġdid tad-data***, kif ukoll kompiti u funzjonijiet oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.
2. It-tweqqi tal-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mill-NSIs għandu jkun kompatibbli ***mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-istatistika mwettqa f'konformità*** mal-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 2(1). ■

---

\* Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).";



(11) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 27a

Evalwazzjoni u rieżami

Sa ... [ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari:

- (a) ir-rispons statistiku għal sitwazzjoni ta' kriżi fl-ambitu tal-Artikolu 16a;
- (b) l-obbligu tad-detenturi privati ta' data li jippermettu li d-data tagħhom ■ tintuża għall-istatistika Ewropea f'konformità mal-Artikoli 17b, 17c, 17d u 17e;
- (c) il-kondiviżjoni tad-data fl-ESS fl-ambitu tal-Artikolu 17f;
- (d) l-iżvilupp tal-istatistika Ewropea fl-ambitu tal-Kapitolu IIIa."

Artikolu 2  
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*